**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Avviz numru 20/2018 CFF**

**Nicolas Farrugia**
**Vs**
**Stefania Carabott et**

**Illum it-3 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promutur ta' Nicholas Farrugia (KI 319260M) fejn espona:

Illi l-konvenuti Stefania Carabott u Carmelo Magro biex ihallsu d-danni li jridu jigu likwidati mill-Qorti, rappresentanti danni ikkagunati minnhom minhabba perkolazzjoni ta' ilma mill-katusa tal-boathouse taghhom li ikkaguna hsara fil-boathouse ta' l-attur ossia 40, Farrugia, Triq il-Bajja San Tumas, M'Scala u dan apparti hsara ohra li sofrew minhabba rapport frivoli taghhom, u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid ippresentati kontestwalment u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ai fini ta kompetenza qed jigi dikjarat illi d-danni pretizi ma jeccedux l-ghaxart elef Ewro (€10,000).

Il-Qorti tinnota li dahlet risposta tal-konvenuti datata t-12 ta' Marzu 2018 li tinsab a fol 12 tal-process, fejn esponew:

1. Illi preliminarjament l-esponenti m'humiex il-legittimu kuntraditturi ghat-talbiet atturi stante illi fl-ewwel lok l-esponenti Stefania Carabott mhix il-propjetarja tal-boathouse u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent, u fit-tieni lok kwalunkwe rizarciment mitlub huwa kagun tal-illegalita' u/jew nuqqasijiet attribwibbli lill-attur;

2. Illi l-ebda mill-esponenti ma ikkagunaw l-ebda hsara fil-boathouse tar-rikorrent izda kieu l-Awtoritajiet kompetenti li ordnaw x-xogholijiet li wasslu ghall-eventwali tnehhija ta' illegalita' u ghaldaqstant jekk dan wassal ghal xi dannu, ghandhom iwiegbu ghalih l-istess attur u semmaj l-Awtorita';

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent irid jipprova l-allegat dannu li allegatament gie ikkawzat mill-esponenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni mitluba huma ecessivi ghall-ahhar;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li sar xi rapport frivolu da parti ta' l-esponent, anzi hija din l-azzjoni li hija frivola fil-konfront tal-esponent bl-ghan li tivvessa partikolarment fir-rigward it-talba sabiex ihallas danni lir-rikorrent dwar "rapport frivoli" u ghaldaqstant l-esponent m'ghandux ibghati l-ispejjez ta' din il-kawza;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Illi l-esponenti qed jipprevalixxu ruhhom mill-azzjoni tar-rikorrenti biex jipprezentaw il-kontro-talba taghhom ai termini ta' l-Artikolu 396(b) tal-Kap 12;

1. Illi kien l-attur li effettivament, bix-xogholijiet strutturali illegali tieghu fil-fond 40, holoq inkonvenjent u dannu lir-rikorrenti u dan sa mis-sena 2016;

2. Illi dan id-dannu sehh minhabba l-perkolazzjoni tal-ilma ikkagunati mix-xogholijiet u l-imperizja taghhom flimkien man-nuqqas ta' sengha u arti fil-fond propjeta' tal-attur;

3. Illi dan id-dannu jammonta ghal total ta' €522.64 ghal bdil u tiswija ta' Recorder u Television set;

4. Illi kie l-attur li effettivament ikkaguna danni volontarji kif jirrizulta mir-rapport peritali u dan fuq il-propjeta' tar-rikorrent intimat liema rapport sar ghal spiza li tammont ghal €985.30;

5. Illi kien l-attur li ikkaguna hsarat ohra fil-propjeta' tal-intimat rikorrent, liema hsarat huma formanti parti minn kawza kriminali u ghaldaqstant it-talbiet dwarhom qed jigu riservati;

Illi ghaldaqstant jghid ir-rikorrent rikonvenzjonat ghaliex m'ghandux jigi ikkundannt li jhallas l-ammont ta' elf hames mija u sebgha Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1507.94);

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent rikonvenzjonant minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Illi l-attur rikonvenzjonat ipprezenta risposta ghall-kontro-talba ta' Stefania Carabott u Carmelo Magri fejn espona s-segwenti:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris* u dan a tenur ta' l-Artikolu 56A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni llok, ir-rikorrent rikonvenzjonat ftit jista' jifhem din l-azzjoni stante l-ewwel eccezzjoni tal-intimata ghat-talba originali tar-rikorrent. Dan qieghed jinghad ukoll fid-dawl tal-hames premessa tal-kontro-talba;

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu r-rikorrent rikonvenjonat ma ikkaguna l-ebda danni hekk kif allegat;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija azzjoni b'kontro-talba. L-attur qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu d-danni sofferti minnu ghal hsarat li sofra fil-boathouse tieghu tort ta' perkolazzjoni ta' ilma, skond hu minn katusa li kienet qeghda fis-saqaf tal-boathouse tal-konvenuti taghti ghal fuq is-saqaf tieghu. Da parti taghhom il-konenuti rikonvenzjonanti qed jitolbu lill-Qorti ssib li fir-realta' kienu huma li sofrew id-danni, peress li kien l-istess attur illi mar fuq is-saqaf u ghamel hsara waqt li qed jaqla' l-istess katusa fuq il-bejt tal-boathouse taghhom, li hija adjacenti ghal dik ta' l-attur.

Il-Qorti kwantu ghall-provi f'din il-kawza, kellha biss sett ta' ircevuti ipprezentati mill-attur li hu jghid li hallas ta' hsarat sofferti minnu tort tal-perkolazzjoni ta' ilma li sar mill-boathouse tal-kovenuti ghal fuq tieghu, kif ukoll ix-xhieda kemm ta' l-attur kif ukoll tal-konvenuti rikonvenzjonanti permezz ta' affidavit u sett ta' ritratti ipprezentati mill-konvenuti rikonvenzjonanti.

Dawn ir-ritratti juru li l-attur bena kamra ohra fuq il-bejt tal-boathouse li tigi adjacenti ghal dik tal-konvenuti u l-istess kamra hija maghmula mill-aluminju. Fir-ritratti ma jidher l-ebda dannu li seta' sehh fl-ebda propjeta'. Li juri huwa li jekk qabel kien hemm spazju bejn is-saqaf ta' l-attur u l-kamra ta' l-aluminju, dak ftit wara inkesa, biex jigi evitat li jipperkola xi ilma. Il-konvenuti qeghdin jichdu bl-aktar mod kategoriku li kienu huma li ikkawzaw xi hsarat fil-propjeta' ta' l-attur.

L-ircevuti ipprezentati u mhallsin skond ma jghid l-attur ma jghidu xejn aktar minn hekk. L-ispejjez saru ghax hekk qed jghid l-attur, madanakollu, hadd mill-persuni li irranga l-hsarat indikati ma gie jixhed quddiem din il-Qorti biex, (a) jispjega n-natura tax-xoghol li sar u (b) jekk dan kienx kagun ta' perkolazzjoni ta' ilma u konsegwentement danni li sehhu mill-propjeta' tal-konvenuti ghal-fuq ta' l-attur. Fix-xhieda tieghu lanqas l-attur ma jispjega x'inhuma dawn il-hsarat li sofra u ghalxiex effettivament hallas. Adirittura wahda minnhom ezebita a fol 36 tal-process jirrizulta li saret xhur wara li giet intavolata din il-kawza, allura wiehed jistaqsi jekk ix-xhieda ta' l-attur ghandiex jew le mis-sewwa.

Il-Qorti ghalhekk ma tistax teskludi li l-hsarat li saru fil-fond ta' l-attur setghu saru kawza tax-xoghol li ghamel huwa stess tal-kostrizzjoni tal-kamra ta' l-aluminju. Fil-process ma gie ezebit l-ebda rapport tekniku biex jispjega minn fejn sar jew qed isir l-ingress ta' ilma ghal fuq il-fond ta' l-attur.

Fin-nuqqas ta' provi li jsahhu t-talba ta' l-attur l-Qorti certament li ma tistax tasal f'punt li tilqa' t-talba ta' l-attur.

Jibqa' ghalhekk il-kontro-talba. In linea preliminari, l-atturi rikonvenzjonanti jeccepixxu l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris.*

A tenur tal-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"Fil-kawżi, il-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra lattur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*
*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja ttalba tal-attur; jew*
*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."*

Eccezzjoni simili giet sollevata u trattata fis-sentenza **Gheiti and Sons Limited vs Perit Arkitett Colin Zammit** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Mejju 2011, fejn kien intqal is-segwenti:

*"Dan il-punt dwar il-kompetenza f'kontrotalba gie trattat filkawza C. Fino and Sons Limited vs Neville Bonnici et (Qorti Magistrati 27/04/2005) fejn il-Qorti qalet hekk:*

*"L-Artikolu 744 ta' l-istess Kodici ta' Organizzazzjonji u Procedura Civili jipprovdi hekk:*

*Id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan jghoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni ghal ragunijiet ohra ma tistax tigi proposta quddiem il-Qorti li fiha l-attur ikun ippropona ttalba tieghu, f'dan il-kaz it-talba tal-konvenut jekk tkun konnessa mat-talba ta' l-attur ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 396 tista' issir quddiem kull Qorti ohra kompetenti f'Malta'*

*Ghalkemm dan l-istess Artikolu jaghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 743 li jitkellem dwar il-gurisdizzjoni li tahta jaqa' kull rikonvenut f'kawza minnu proposta, ghal ragunijiet ta' pratticita' u anke ghall-ekonomija tal-gudizzju, linterpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 744 talKodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija illi, meta lkontrotalba ma tissuperax u ma tezorbitax il fuq millkompetenza tal-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tat-talba attrici sakemm il-kontrotalba tkun taqa' fil-binarji stabbiliti millArtikoli 396, 397 il-Qorti ghandha l-jedd li tiehu konjizzjoni anke ta' dik il-kontrotalba u tiddecidieha fl-istess gudizzju li fih tiddeciedi t-talba attrici.""*

Il-Qorti kompliet tghid is-segwenti:

*"Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-insenjament billi ghalkemm iz-zewg kawzi jinstemghu flimkien u dan in omagg ghat-tendenza tal-Qorti lejn l-ekonomija tal-gudizzju u dupplikar mhux necessarju ta' proceduri gudizjarji, wiehed iried izomm quddiem ghajnejh ukoll illi fl-istitut tarrikonvenzjoni l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahidhom f'ezistenza indipendenti w awtonoma. Ghalkemm fir-rikonvenzjoni hemm konnessjoni taz-zewg kawzi, b'daqshekk ma jfissirx u wiehed ma ghandux jifhem li lkontrotalba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha. Ghalhekk jekk ghal xi raguni t-talba principali taqa' ghal kwalisiasi raguni, il-kontrotalba li ma titlifx minn natura taghha ta' kawza indipendenti w awtonoma trid tkun kapaci tghix wahedha. F'dan il-kaz hemm ostakolu insormontabbli ghax l-inkompetenza tal-Qorti ratione valoris tal-kontrotalba taht l-artikoli 47 u artikolu 748(a) tal-Kap. 12 qua kawza awtonoma mhix wahda li tista' tigi skartata la ghall-ekonomija tal-gudizzju u anqas ghal nuqqas ta' dupplikar ta' procedura."*

Din il-Qorti tikkondividi din il-fehma u peress illi t-talbiet rikonvenzjonali huma ghall-ammonti li lanqas jeccedu s-somma ta' €5,000, il-Qorti ssib li hija inkompetenti ratione valoris sabiex tiddeciedi t-talbiet rikonvenzjonali.

**Decide:**

**Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-attur. Riferibbilment ghat-talbiet rikonvenzjonali, il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-attrici rikonvenzjonata in kwantu li din il-Qorti hija inkompetenti ratione valoris sabiex tiddeciedi t-talbiet rikonvenzjonali u ghaldaqstant, ai termini tal-artikoli 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom u tibghat l-atti lit-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar sabiex it-talbiet rikonvenzjonali jigu mismugha u maqtugha skond il-ligi.**

**L-ispejjeż tal-kawza prinċipali jithallsu mill-attur filwaqt illi dawk tal-kontro-talba huma rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Maria Grech-Cardona**
**Deputat Registratur**